MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Numru. 1411/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**

**VS**

**GLEN AQUILINA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Glen Aquilina, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 148487 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Nhar it-30 ta` Dicembru 2011, ghal hin ta` bejn il-hdax ta` filghodu (11:00hrs) u nofsinhar (12:00hrs), minn

gewwa l-Park Towers Supermarket fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera, ikkommetta serq ta` portmoni,cashlink mahruga mill-bank tal-BOV u ta` flus ghall-ammont ta` madwar mitt ewro (€100), ghad-deteriment ta` Mary Anne Portelli;

2. U aktar talli fl-istess data, ghall-hin ta` bejn il-hdax u nofs ta` filghodu (11:30hrs) u n-nofs siegha (12:30hrs) minn go ATM sitwatha fi Triq Schembri, Hamrun, ikkommetta serq ta` flus permezz ta` l-istess cashlink, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

3. U aktar talli fl-istess data, u matul l-istess perjodu ta` zmien bil-hsieb li jaghmel delitt, wera da nil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe` billi permezz ta` l-istess cashlink mill-ATM ta` l-HSBC sitwatha fi Triq ix-Xatt l-Imsida, ipprova jikkommetti serq ta` flus ta` madwar mitejn u hamsin ewro (€250) liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

4. U aktar talli matul l-istess perjodu ta` zmien minghajr awtorizazzjoni uza kompjuter jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni f'appogg li jinzamm f'dak il-kompjuter (ATM);

5. U aktar talli matul l-istess perjodu ta` zmien uza kodici ta` dhul, password jew xi mezz iehor ta` dhul jew informazzjoni ta` identifikazzjoni ta` xi persuna ohra f'kompjuter (ATM);

6. U aktar talli matul l-istess perjodu ta` zmien b'mezzi kontra l-ligi u billi nqeda b'qerq iehor u bi hsara ta` haddiehor ghamel qliegh b'qerq;

7. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, u matul l-istess hinijiet saq vettura b'numru ta` registrazzjoni RIT 887 minghajr ma` kien kopert b'polza ta` assigurazzjoni;

8. U aktar talli sar recidiv wara li gie ikkundannat ghal delitt iehor fi zmien ghaxar (10) snin minn dak in-nhar li giet skontata jew giet mahfura l-piena.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 284, 279 (a), 41 (1) (a), 337 C (1) (a), 337 C (1) (i), 308, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artkiolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat**:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------